**KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Ottubru 2009 (22.10) (OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali: 2009/0050 (CNS)**

**14801/09**

**LIMITE**

**DROIPEN 134**
**MIGR 101**

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. Preċ.: | 14602/09 DROIPEN 127 MIGR 100 |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Kwadru 2002/629/ĠAI<br>- Sitwazzjoni attwali / Kwistjonijiet pendenti |

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Kwadru 2002/629/ĠAI ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Marzu 2009.

2. Il-COREPER eżamina l-abbozz tat-test rivedut tal-proposta darbtejn - fl-14 u fil-21 ta' Ottubru - u solva l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti. Issa ġew irtirati kważi r-riżervi kollha, ħlief għar-riżervi ta' skrutinju parlamentari.

3. DK, DE, IE, FR, SI, NL, SE u UK għandhom riżerva ta' skrutinju parlamentari dwar il-proposta u PT daħħlet riżerva ta' skrutinju ġenerali. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet għandhom riżervi fuq xi Artikoli u/jew paragrafi speċifiċi, u dawn jistgħu jinsabu fin-noti f'qiegħ il-paġni fit-test fl-Anness.

4. Il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-opinjoni tiegħu b'ittra datata l-21 ta' April 2009.

## II. KWISTJONIJIET IRREFERUTI LILL-Kunsill

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden:

- **jieħu nota tas**-sitwazzjoni attwali tal-proposta
- **jiddiskuti u jsolvi** l-kwistjonijiet li fadal li jikkonċernaw l-Artikoli 3 u 8, kif stabbilit fl-Anness, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-30 ta' Novembru 2009.

### A. Pieni (l-Artikolu 3)

Mill-bidu tan-negozjati fil-Grupp ta' Ħidma, dan l-Artikolu kien wieħed mill-punti ewlenin ta' diskussjoni. Diversi Stati Membri esprimew oġġezzjonijiet qawwija għax-xewqa tal-Kummissjoni li żżid il-livell ta' pieni fir-rigward tal-paragrafu 2(a) u (b) għal tnax-il sena minflok għaxar snin.

Stat Membru wieħed jappoġġa lill-Kummissjoni u jqis li huwa importanti li jiżdied il-livell ta' pieni fil-każijiet l-aktar serji, biex b'hekk jintbagħat sinjal politiku b'saħħtu.

Fid-dawl tat-tħassib serju mqajjem minn bosta delegazzjonijiet fir-rigward tal-livell ta' pieni ssuġġeriti mill-Kummissjoni u b'delegazzjoni waħda biss bħalissa tappoġġaha, il-Presidenza tissuġġerixxi li t-test jitħalla kif inhu, b'hekk il-livell ta' pieni fil-każijiet l-aktar serji jkun stabbilit għal għaxar snin.

Il-Kunsill huwa mistieden jaċċetta t-test tal-Artikolu kif inhu.

## B. **Ġurisdizzjoni (l-Artikolu 8)**

Delegazzjoni waħda għandha riżerva rigward l-Artikolu 8(1)(b) dwar l-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni meta min iwettaq reat ikun ċittadin tal-pajjiż.

Il-Kunsill huwa mistieden jaċċetta t-test attwali tal-Artikolu 8(1)(b), li jestendi l-ambitu tad-Deċiżjoni Kwadru attwali, billi jinkludi possibbiltà ta' prosekuzzjoni taċ-ċittadini proprji għal reati mwettqa barra mill-pajjiż.

Delegazzjoni oħra żammet ir-riżerva tagħha dwar it-tħassir ta' paragrafu li jestendi l-ambitu tad-Deċiżjoni Kwadru miftehma reċentement dwar "il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali", filwaqt li ssottolinjat li l-gravità tar-reat u l-aspetti transkonfini tiegħu jiġġustifikaw tali estensjoni.

Fid-dawl ta' reżistenza qawwija minn maġġoranza tad-delegazzjoni li jiġu estiż l-ambitu tal-istrument orizzontali miftiehem reċentement, il-Presidenza tissuġġerixxi li paragrafu bħal dan ma jiġix inkluż.

## C. **Kwistjonijiet oħrajn**

Il-Kunsilliera ĠAI ser jintalbu jeżaminaw id-definizzjoni fl-Artikolu 1(3), l-Artikolu 13(3)(e) u l-Artikolu 16 fi żmien debitu.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29, l-Artikolu 31(1)(e)
u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,[1]

Billi:

(1) It-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju, spiss imwettaq fil-Qafas tal-kriminalità organizzata, kif ukoll vjolazzjoni kbira tad-drittijiet tal-bniedem.

(2) L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tipprevjeni u tiġġieled kontra t-traffikar tal-bnedmin, u li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni ttraffikati. Għal dan il-għan, kienu ġew adottati id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin,[2] u Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiċi, standards u proċeduri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-prevenzjoni tiegħu (2005/C 311/01)[3].

(3) Din id-Deċiżjoni Qafas tadotta approċċ integrat u olistiku għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Prevenzjoni iktar rigoruża, [...] prosekuzzjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, huma l-objettivi prinċipali ta' din id-Deċiżjoni Qafas. It-tfal huma aktar vulnerabbli u huma għalhekk esposti għal riskju akbar li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom ikunu applikati fid-dawl tal-aħjar interess tat-tfal, skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Drittijet tat-Tfal tal-1989[4].

---

1 ĠU C,, p. .
2 ĠU L 203, 1.8.2002, p. 1.
3 ĠU C 311, 9.12.2005, p. 1.
4 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata u miftuħa għall-firem, għar-ratifika u għall-adeżjoni bir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 44/25 tal-20 ta' Novembru 1989.

(4) Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Bnedmin, speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, li jissuplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali[1], u l-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin[2] huma passi kruċjali fil-proċess tat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin.

(5) Sabiex jintlaqgħu l-iżviluppi reċenti fil-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin, din id-Deċiżjoni Qafas tadotta kunċett aktar ġenerali ta' dak li għandu jitqies bħala traffikar tal-bnedmin mid-Deċiżjoni Kwadru 2002/629/ĠAI u għaldaqstant tinkludi forom addizzjonali ta' sfruttament.

Fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni Qafas, is-sisija mġiegħla għandha tinftiehem bħala forma ta' xogħol jew servizz furzat kif iddefinit fil-Konvenzjoni tal-ILO nru. 29 dwar ix-Xogħol Furzat jew Obbligatorju tad-29 ta' Ġunju 1930. Għaldaqstant, l-isfruttament tas-sisija jaqa' fl-ambitu tad-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin unikament meta jseħħu l-elementi kollha tax-xogħol jew is-servizzi furzati. Fid-dawl tal-każistika rilevanti, il-validità tal-kunsens eventwali biex jitwettaq tali servizz għandu jiġi vvalutat każ b'każ. Madankollu, meta jkunu involuti t-tfal, il-kunsens eventwali m'għandu qatt jitqies bħala validu.

It-terminu "sfruttament ta' attivitajiet kriminali" għandu jinftiehem bħala sfruttament ta' persuna biex twettaq, fost l-oħrajn, is-serq mill-ibwiet, is-serq mill-ħwienet u attivitajiet oħra simili li huma soġġetti għal pieni u jimplikaw gwadann finanzjarju.

Id-definizzjoni tkopri wkoll it-traffikar tal-bnedmin għall-għan tat-teħid tal-organi, li jista' jkun marbut mat-traffikar tal-organi u jikkostitwixxi vjolazzjoni serja tad-dinjità umana u l-integrità fiżika.

---

[1] Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Bnedmin, speċjalment tan-Nisa' u t-Tfal, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, magħmul f'Palermo, fl-2000.

[2] Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, magħmula f'Varsavja, 16.V.2005, Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa N. 197.

(6) Il-livelli tal-pieni f'din id-Deċiżjoni Qafas jirriflettu l-preokkupazzjoni dejjem tikber fost l-Istati Membri rigward l-iżvilupp tal-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin. B'konsiderazzjoni tas-serjetà tar-reat, il-pieni għandhom għalhekk ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, Meta, skont din id-Deċiżjoni Qafas, issir referenza għal ċediment, tali referenza għandha tiġi interpretata skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri . Meta r-reat ikun partikolarment serju, pereżempju meta l-ħajja ta' persuna tkun tqiegħdet fil-periklu jew ir-reat ikun involova vjolenza serja jew ikun twettaq kontra vittma partikolarment vulnerabbli, bħal tfal, dan għandu jiġi rifless f'pieni aħrax.

(7) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom, skont il-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tal-Istati Membri rilevanti, ikunu protetti mill-prosekuzzjoni jew il-kastig għal attivitajiet kriminali bħall-użu ta' dokumenti foloz, jew reati previsti fil-leġislazzjoni relatata mal-prostituzzjoni jew l-immigrazzjoni, li kienu obbligati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li kienu soġġetti għal traffikar. L-għan ta' din il-protezzjoni huwa li jkunu ssalvagwardati d-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi, tiġi evitata vittimizzazzjoni ulterjuri u li jiġu inkoraġġiti li jagħtu xhieda fil-proċedimenti kriminali kontra min ikun wettaq ir-reat. Din is-salvagwardja ma teskludix il-prosekuzzjoni ta' jew il-kastig għal reati li persuna tkun wettqet jew ipparteċipat fihom volontarjament.

(8) Biex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'suċċess ta' reati ta' traffikar tal-bnedmin, l-għodod investigattivi li jintużaw fil-każijiet tal-kriminalità organizzata jew ta' kriminalità serja oħra, u li jistgħu jinkludu l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza diskreta inkluża s-sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet bankarji jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra, għandhom isiru disponibbli lil dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati bħal dawn.

(9) Filwaqt li d-Direttiva 2004/81/KE[1] tipprevedi l-ħruġ ta' permess ta' residenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma ċittadini ta' pajjiż terz, u d-Direttiva 2004/38/KE[2] tirregola l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u residenza liberi fit-territorju tal-Istati Membri minn ċittadini tal-Unjoni u l-familji tagħhom, inkluż il-protezzjoni mill-espulsjoni, din id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi miżuri

protettivi speċifiċi għal kull vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Konsegwentement, din id-Deċiżjoni Qafas ma tittrattax il-kondizzjonijiet ta' residenza tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri jew kwalunkwe kwistjoni oħra li taqa' taħt il-kompetenza Komunitarja.

(10) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv. Għalhekk għandha tkun disponibbli għajnuna u appoġġ għall-vittmi qabel, waqt u għal perijodu ta' żmien adegwat wara l-proċedimenti kriminali. L-għajnuna u l-appoġġ ipprovduti għandhom jinkludu mill-inqas sensiela ta' miżuri li jkunu meħtieġa biex il-vittma tkun tista' tirkupra u taħrab mit-traffikanti tagħha. L-implimentazzjoni prattika ta' miżuri bħal dawn għandha, abbażi ta' valutazzjoni individwali mwettqa skont il-proċeduri nazzjonali, tieħu kont tal-kondizzjonijiet u l-bżonnijiet tal-persuna kkonċernata.

Persuna għandha tingħata l-għajnuna u l-appoġġ hekk kif ikun hemm indikazzjoni ta' motivi raġonevoli li din setgħet ġiet traffikata u irrispettivament mir-rieda tagħha li taġixxi bħala xhud.

L-għanjnuna għandha tingħata mingħajr kondizzjonijiet sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu deċiżjoni finali rigward il-perijodu ta' riflessjoni u l-permess ta' residenza, jew inkella jagħrfu li l-persuna hija vittma ta' traffikar ta' bnedmin. Jekk, wara li jkun tlesta l-proċess ta' identifikazzjoni jew ikun skada l-perijodu ta' riflessjoni, il-persuna ma titqiesx eliġibbli għal permess ta' residenza jew inkella ma jkollhiex residenza legali fil-pajjiż, l-Istat Membru kkonċernat mhux obbligat ikompli jagħti l-għajnuna u l-appoġġ lil dik il-persuna abbażi ta' din il-Deċiżjoni Qafas.

[1] ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.
[2] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

Fejn meħtieġ, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi bħall-fatt li l-vittma qed issegwi trattament mediku minħabba l-konsegwenzi fiżiċi jew psikoloġiċi serji tar-reat, jew li s-sigurtà tal-vittma qiegħda f'riskju minħabba d-dikjarazzjonijiet tagħha fil-proċedimenti kriminali, l-għajnuna u l-appoġġ għandhom ikomplu għal perijodu ta' żmien adegwat wara l-proċedimenti kriminali.

(11) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (2001/220/JHA) u l-emendi sussegwenti jistabbbilixxu set ta' drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni u l-kumpens. Barra minn hekk, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw aċċess għal pariri legali u għal rappreżentanza legali, inkluż sabiex jitolbu għal kumpens. Il-fini tal-pariri legali hu li l-vittmi jkunu jistgħu jkunu informati u jirċievu pariri dwar id-diversi possibbiltajiet miftuħa għalihom. Il-pariri legali u r-rappreżentanza legali għandha tkun ipprovduta mingħajr ħlas mill-inqas meta l-vittma ma jkollhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji b'mod li jkun konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri. Peress li mhux probabbli li l-vittmi tfal b'mod partikolari jkollhom riżorsi bħal dawn, il-pariri legali u r-rappreżentanza legali jkunu prattikament mingħajr ħlas għalihom. Barra minn hekk, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali, imwettqa skont il-proċeduri nazzjonali, il-vittmi għandhom ikunu protetti minn tpattija, minn intimidazzjoni u mir-riskju li jerġgħu jiġu ttraffikati.

(12) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, li jbatu l-konsegwenzi tal-abbuż u t-trattament degradanti, bħall-isfruttament sesswali, l-istupru, il-prattiki simili għall-iskjavitù u t-tneħħija tal-organi, li huma komunement relatati mar-reat ta' traffikar, għandhom ikunu protetti mill-vittimizzazzjoni sekondarja u trawmi oħra matul il-proċedimenti kriminali. Għal dan il-għan, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom, abbażi tal-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma, jirċievu trattament adegwat matul l-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali għandha tieħu f'konsiderazzjoni ċirkostanzi bħall-età, jekk il-persuna tkunx tqila, is-saħħa, id-diżabbiltà jew kondizzjonijiet personali oħra, kif ukoll il-konsegwenzi fiżiċi u psikoloġiċi tal-attività kriminali li għaliha kienet soġġetta l-vittma. Jekk jiġix applikat it-trattament u kif għandu jiġi deċiż skont ir-raġunijiet definiti mil-leġislazzjoni nazzjonali, ir-regoli ta' diskrezzjoni ġudizzjarja, il-prassi u l-gwida, abbażi ta' każ b'każ.

(13) Minbarra l-miżuri disponibbli għall-vittmi kollha tat-traffikar tal-bnedmin, kull Stat Membru għandu jiżgura li jkunu disponibbli għall-vittmi tfal miżuri speċifiċi ta' għajnuna, appoġġ u protezzjoni. Dawn il-miżuri għandhom jingħataw fl-aħjar interess tat-tfal skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Meta l-età ta' persuna soġġetta għal traffikar tal-bnedmin ma tkunx ċerta, u hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li hija taħt it-18-il sena, wieħed għandu jissupponi li dik il-persuna hija tfal u għandha tirċievi għajnuna, appoġġ u protezzjoni minnufih. Il-miżuri ta' għajnuna u appoġġ lil vittmi tfal għandhom jimmiraw għall-irkupru fiżiku u psikosoċjali tagħhom u għal soluzzjoni dejjiema għall-persuna inkwistjoni. Meta wieħed iqis li l-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin huma partikolarment vulnerabbli, għandhom ikunu disponibbli miżuri protettivi addizzjonali biex jipproteġu lit-tfal waqt intervisti matul l-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti.

(14) Kull Stat Membru għandu jistabblixxi u/jew isaħħaħ il-politiki biex jipprevjeni t-traffikar tal-bnedmin inklużi miżuri biex jiskoraġixxu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament permezz tar-riċerka, l-informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-tagħlim. F'dawn l-inizjattivi kull Stat Membru għandu jadotta approċċ ta' perspettiva tas-sessi u tad-drittijiet tat-tfal.

(15) Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali[1] tipprevedi pieni għal min iħaddem ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment li, filwaqt li ma ġewx akkużati jew misjuba ħatja għal traffikar tal-bnedmin, jużaw xogħol jew servizzi meħuda minn persuna għalkemm jafu li din hija vittma ta' traffikar. Barra minn dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni l-possibiltà li jagħmlu sanzjonijiet fuq l-utenti ta' kull servizz li ġej minn vittma, li huwa magħruf li din kienet ittraffikata. Din il-kriminalizzazzjoni ulterjuri tista' tinkludi lil minn iħaddem lil ċittadini ta' pajjizi terzi li qegħdin fil-pajjiż legalment u lil ċittadini tal-UE, kif ukoll lil minn jixtri servizzi sesswali minn kull persuna ttrafikata, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha.

---

[1] ĠU L 126, 30.6.2009, p. 24.

(16) Għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri, bil-mod li huma jqisu adegwat skont l-organizzazzjoni interna tagħhom u b'kont meħud tal-ħtieġa għal struttura minima b'kompiti identifikati, sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali bħal ma' huma r-Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti, sabiex iwettqu valutazzjonijiet fuq ix-xejriet tat-traffikar tal-bnedmin, ikejlu r-riżultati tal-azzjonijiet għall-ġlieda kontra t-traffikar, u jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

(17) Billi l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni Qafas, preċiżament il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu tal-aħħar, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(18) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u partikolarment id-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal rimedu effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Deċiżjoni Qafas tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

*Artikolu 1*

**Reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-atti intenzjonali li ġejjin ikunu kastigabbli:
   Ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-ilqugħ ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dik il-persuna, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li għandha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament.

2. Pożizzjoni ta' vulnerabbiltà sseħħ fil-każ meta persuna ma' jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli iżda li tissottometti ruħha għall-abbuż involut.

3. L-isfruttament għandu jinkludi, tal-inqas, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inkluża s-sisija[1], skjavitù jew prattiċi simili għall-skjavitù, servitù, jew l-isfruttament tal-attivitajiet kriminali[2], jew it-tneħħija ta' organi[3].

4. Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni għall-isfruttament, intenzjonat jew attwali, għandu jkun irrelevanti fejn ikun intuża xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1.

5. Meta l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1 tinvolvi tfal, għandu jkun reat ta' traffikar tal-bnedmin kastigabbli anke jekk ma jkun intuża ebda wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1.

6. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas, "tfal" għandha tfisser kull persuna taħt it-18-il sena.

---

[1] DE għandha riżerva sostantiva.
[2] DE għandha riżerva sostantiva.
[3] DE għandha riżerva sostantiva.

*Artikolu 2*

**Istigazzjoni, għajnuna u kompliċitá u tentattiv**

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-istigazzjoni ta', l-għajnuna u l-kompliċità jew it-tentattiv li jitwettaq reat imsemmi fl-Artikolu 1 ikunu kastigabbli.

*Artikolu 3*

**Pieni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li reat imsemmi fl-Artikolu 1 ikun kastigabbli b'pieni ta' massimu ta' mill-inqas bejn ħames u għaxar snin ħabs.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li reat imsemmi fl-Artikolu 1 ikun kastigabbli b'pieni massimi li mill-inqas għaxar snin ħabs[1] fejn ikun twettaq f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

   (a) ir-reat ikun deliberatament jew minħabba negligenza gravi poġġa l-ħajja tal-vittma f'periklu;
   (b) ir-reat ikun twettaq bl-użu tal-vjolenza serja jew ikun ikkawża ħsara partikolarment serja lill-vittma;
   (c) ir-reat ikun twettaq kontra persuna li hija partikolarment vulnerabbli, li, fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni Qafas, għandha tinkludi mill-inqas il-vittmi tfal kollha[2];
   (d) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI[3].

---

[1] NL u COM huma favur il-preskrizzjoni ta' tnax-il sena ħabs għar-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) u (b).

[2] DE għandha riżerva sostanzjali fuq 2(c). COM esprimiet riżerva sostanzjali fuq ir-restrizzjoni tal-obbligu li tiġi stabbilita ċirkostanza aggravanti għat-tfal biss.

[3] ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li reat imsemmi fl-Artikolu 2 ikun kastigabbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinvolvu ċediment.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-fatt li r-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku fit-twettiq ta' dmirijietu jitqies bħala ċirkustanza aggravanti.

*Artikolu 4*

**Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal reat imsemmi fl-Artikolu 1 u 2 imwettaq għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta':

(a) prokura tal-persuna legali,
(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew
(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, jkun għamel possibbli t-twettiq tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex teskludi proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi, instigaturi jew aċċessorji fir-reati msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

4. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas, 'persuna ġuridika' għandha tfisser kull entità li jkollha personalità ġuridika taħt il-liġi applikabbli, minbarra Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità statali u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 5*

**Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 4(1) u (2) tkun kastigabbli b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disswaživi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) l-esklużjoni minn intitolament għal benefiċċji jew għajnuna pubblika;
(b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;
(c) it-tqegħid taħt sorveljanza ġudizzjarja;
(d) l-istralċ ġudizzjarju;
(e) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li jkunu ntużaw għat-twettiq tar-reat.

*Artikolu 6*

**Non-prosekuzzjoni jew non-applikazzjoni ta' pieni għall-vittma**

Kull Stat Membru għandu, skont il-prinċipji bażiċi tas-sistema legali tiegħu, jipprevedi l-possibbiltà li ma jitħarrkux jew ma jiġux imposti pieni fuq vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għall-involviment tagħhom fl-attivitajiet kriminali li kienu mġiegħla jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li ġew soġġetti għal kwalunkwe att imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 7*

**Investigazzjoni u prosekuzzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 1 u 2 ma jkunux jiddependu mir-rapport jew l-akkuża magħmula minn vittma u li l-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat id-dikjarazzjoni tagħha.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jippermetti, meta l-gravità jew in-natura tal-att jeħtieġ dan, il-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 u 2 għal perijodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età tal-maturità.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 1 u 2 jkunu mħarrġa b'mod xieraq.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, ikunu disponibbli lill-persuni, lill-unitajiet jew lis-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

*Artikolu 8*[1]

**Ġurisdizzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq reat imsemmi fl-Artikoli 1 u 2 meta:

---

[1] UK għandha riżerva dwar l-Artikolu fl-intier tiegħu minħabba r-referenza għal ċittadini fil-paragrafu 1(b).
BE daħħlet riżerva dwar it-tħassir tad-dispożizzjoni rigward konflitti ta' ġurisdizzjoni.

(a) ir-reat ikun twettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tiegħu; jew
(b) min iwettaq ir-reat huwa ċittadin tiegħu jew għandu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju tiegħu; jew
(c) ir-reat ikun twettaq kontra ċittadin tiegħu jew persuna li għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju tiegħu; jew
(d) ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax jew li japplika biss f'każijiet jew ċirkostanżi speċifiċi, ir-regoli tal-ġurisdizzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1(b) fir-rigward ta' reati fejn min ikun wettaq ir-reat għandu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju tiegħu, 1(c) u 1(d) safejn ir-reat ikun twettaq barra mit-territorju tiegħu.

3. Għall-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 1 u 2 imwettaq barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1(b), kull Stat Membru għandu, soġġett għall-applikazzjoni tiegħu tal-paragrafu 2, jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni tiegħu ma jkunx subordinat għall-kondizzjoni:

(a) li l-atti huma reat kriminali fil-post fejn twettqu jew
(b) li l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara rapport magħmul mill-vittma fil-post fejn twettaq ir-reat, jew denunċja mill-Istat tal-post fejn twettaq ir-reat.

4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni għaldaqstant fejn jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 2, fejn xieraq b'indikazzjoni tal-każijiet jew iċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom tapplika d-deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Għajnuna u appoġġ lil vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jkunu ipprovduti għajnuna u appoġġ lill-vittmi qabel, waqt u għal perijodu adegwat ta' żmien wara l-proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/JHA tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, u f'din id-Deċiżjoni Qafas.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna tiġi pprovduta bl-għajnuna u l-appoġġ hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom indikazzjoni ta' motivi raġonevoli li din setgħet ġiet soġġetta għal reat imsemmi fl-Artkoli 1 u 2.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa bil-għan li l-vittmi jkunu identifikati malajr, jingħataw assistenza u jiġu appoġġati, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ relevanti.

4. Il-miżuri ta' għajnuna u appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 għandhom jinkludu mill-inqas standards ta' għajxien li kapaċi jiżguraw is-sussistenza tal-vittmi permezz ta' miżuri bħal akkomodazzjoni adatta u sigura u assistenza materjali kif ukoll it-trattament mediku meħtieġ inkluża l-assistenza psikoloġika, pariri u informazzjoni, u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn ikunu meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb lill-vittmi bi bżonnijiet speċjali.

*Artikolu 10*

**Protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali**

1. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mad-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/ĠAI.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għal pariri legali, u, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja rilevanti, għar-rappreżentazzjoni legali, inkluż għall-għan li jitolbu kumpens. Il-counselling legali u r-rappreżentanza legali għandha tkun mingħajr ħlas meta l-vittma ma jkollhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji.

3. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, kull Stat Membru għandu jippermetti, jekk dan ikun konformi mal-prinċipji bażiċi tas-sistema legali tiegħu u skont il-każ, li l-identità ta' vittma tat-traffikar li qed tagħti xhieda ma tiġix żvelata[1].

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu protezzjoni adegwata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali, inter alia billi jkollhom aċċess għall-programmi ta' protezzjoni tax-xhieda jew miżuri oħra simili, skont il-każ u f'konformità mal-kondizzjonijiet iddefiniti mil-leġislazzjoni jew il-proċeduri nazzjonali.

5. Bla ħsara għad-drittijiet tad-difiża, u skont valutazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċirkostanzi personali tal-vittma, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu trattament speċifiku bil-għan li jipprevjeni vittimizzazzjoni sekondarja billi jkunu evitati, sa fejn hu possibli u skont il-bażi ddefinita mil-leġislazzjoni nazzjonali u skont ir-regoli tad-diskrezzjoni, il-prassi jew il-gwida ġudizzjarja:

(a) ripetizzjoni mhux meħtieġa ta' intervisti waqt l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess;
(b) kuntatt viżiv bejn il-vittmi u min iwettaq ir-reat inkluż matul l-għoti tax-xhieda bħal fil-każi ta' interoġazzjoni u kontroeżami, b'modi xierqa inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni adegwati;
(c) l-għoti ta' xhieda fil-qorti bil-miftuħ;
(d) mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata.

---

1 Meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni Qafas, IT ser tagħmel dikjarazzjoni unilaterali li tistqarr li l-użu ta' xhieda anonimi jmur kontra l-prinċipji kostituzzjonali tagħhom.

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għajnuna, l-appoġġ u l-miżuri ta' protezzjoni għall-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin**

1. Il-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw għajnuna, appoġġ u protezzjoni b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta l-età tal-persuni suġġetti għal traffikar tal-bnedmin ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalxiex wieħed jemmen li l-persuni huma tfal, għandu jkun preżunt li huma tfal u jirċievu aċċess immedjat għall-għajnuna, l-appoġġ u l-protezzjoni skont l-Artikoli 12 u 13.

*Artikolu 12*

**Għajnuna u appoġġ lil vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin**

1. Il-miżuri ta' għajnuna u appoġġ imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 9.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-azzjonijiet speċifiċi biex jingħataw għajnuna u appoġġ lill-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, fil-perijodu qasir u fit-tul, fil-fejqan fiżiku u psikosoċjali tagħhom, jittieħdu wara li tkun saret valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma tfal partikolari, b'kont debitu meħud tal-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal.

3. Kull Stat Membru għandu jieħu miżuri, fejn xieraq u possibbli, biex jipprovdi għajnuna u appoġġ lill-familja tal-vittma tfal tat-traffikar tal-bnedmin meta l-familja tkun fit-territorju tal-Istat Membru. B'mod partikolari, kull Stat Membru għandu, fejn xieraq u possibbli, japplika l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI għall-familja.

*Artikolu 13*

**Protezzjoni tal-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali**

1. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, skont ir-rwol tal-vittmi fis-sistema ġudizzjarja rilevanti, l-awtoritajiet ġudizzjarji jaħtru rappreżentant speċjali għall-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin fejn, bil-liġi nazzjonali, dawk li jkollhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejnhom u l-vittmi tfal, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati.

3. Bla ħsara għad-drittijiet tad-difiża, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li fl-investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 1 u 2:

   (a) l-intervisti mal-vittmi tfal isiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti;
   (b) l-intervisti mal-vittmi tfal isiru, fejn meħtieġ, f'post imfassal jew adattat għal dan il-għan;
   (c) l-intervisti mal-vittmi tfal jitwettqu, fejn meħtieġ, minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dan il-għan;
   (d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn xieraq, imexxu l-intervisti kollha mal-vittmi tfal;
   (e) in-numru ta' intervisti jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jsiru biss fejn [strettament][1] meħtieġ għall-għan tal-proċedimenti kriminali;

[1] Soġġett għal konsultazzjonijiet mal-KtE dwar il-verżjoni bil-lingwa Ingliża ffirmata mill-partijiet (CETS 201, Art. 35(1)(e)

(f) it-tfal vittmi jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn xieraq, adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni bil-maqlub b'raġuni biżżejjed rigward dik il-persuna.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 1 u 2 l-intervisti kollha mal-vittmi tfal jew, fejn xieraq, ma' xhieda tfal, tkun tista' ssir reġistrazzjoni awdjoviżiva tagħhom u dawn ir-reġistrazzjonjiet tal-intervisti jistgħu jintużaw bħala evidenza fil-proċedimenti kriminali tal-qorti, skont ir-regoli tal-liġi ta' pajjiżu.

5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, fil-proċedimenti kriminali tal-qorti marbuta ma' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 1 u 2, il-vittmi tfal jistgħu jinstemgħu fil-qorti mingħajr ma jkunu preżenti, partikolarment permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni adegwati.

*Artikolu 14*

**Prevenzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jipprova jiskoraġġixxi t-talba, li ssaħħaħ kull forma ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu azzjonijiet adegwati bħal kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn xieraq f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bil-għan tas-sensibilizzazzjoni u biex jitnaqqas ir-riskju li persuni, speċjalment tfal, jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

3. Kull Stat Membru għandu jippromwovi taħriġ regolari għall-uffiċjali li x'aktarx ikunu f'kuntatt mal-vittmi u l-vittmi potenzjali, inklużi pulizija li jaħdmu f'dan il-qasam, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw il-vittmi u l-vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, u jkunu jafu kif iġibu ruħhom magħhom.

4. Bla ħsara għal-liġi Komunitarja, kull Stat Membru għandu jikkunsidra li jieħu miżuri biex jistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett tal-isfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 1 bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 15*

**Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Relaturi Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti. Il-kompiti ta' mekkaniżmi bħal dawn għandhom jinkludu t-twettiq ta' valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, il-kejl tar-riżultati ta' azzjonijiet kontra t-traffikar u r-rappurtar.

[*Artikolu 16*

**Ambitu territorjali**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għal Ġibiltà[1].]

*Artikolu 17*

**Revoka tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/629/ĠAI**

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija revokata.

---

1 Soġġett għal konferma minn ES u UK.

*Artikolu 18*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Qafas sa [30 xahar mill-adozzjoni].

2. Sa [sentejn mill-adozzjoni], l-Istati Membri għandhom jgħaddu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom skont din id-Deċiżjoni Qafas. Il-Kunsill sa mhux aktar tard minn [erba' snin mill-adozzjoni], abbażi ta' rapport stabbilit li jirrifletti din l-informazzjoni u rapport bil-miktub mgħoddi mill-Kummissjoni, ser jivvaluta safejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Qafas.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*